



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2016/2032(INI)**

23.5.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar Aċċess għall-Finanzjament għall-SMEs u żieda fid-diversità tal-finanzjament lill-SMEs f'Unjoni tas-Swieq Kapitali  
(2016/2032(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Zbigniew Kuźmiuk



## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Bank Ċentrali Ewropew jirrikonoxxu li l-aċċess għall-finanzjament huwa t-tieni l-iktar problema serja li qed jiffaċċjaw l-SMEs, u għalhekk huwa kruċjali li l-baġit tal-UE għandu jkompli jiffaċilita l-aċċess mill-SMEs, ikun x'ikun l-istatus legali tagħhom, għall-finanzjament u s-swieq, u għandu jippromwovi firxa diversifikata biżżejjed ta' strumenti ta' ekwità madwar l-Unjoni, peress li dawn huma meħtieġa matul il-perkors ta' tkabbir ta' kumpanija; jenfasizza li l-SMEs, bħala s-sinsla tal-ekonomija Ewropea, jikkontribwixxu bil-kbir għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir fl-UE kollha;
2. Jemmen li għad hemm disfunzjonijiet kbar fis-suq finanzjarju fir-rigward tal-għoti ta' self, b'mod partikolari, meta jikkonċerna finanzjament għal impriżi iżgħar u aktar ġodda; jemmen ukoll li għad hemm differenzi kbar wisq fir-rati tal-imgħax bejn l-Istati Membri differenti, li tagħmilha diffiċli biex l-SMEs ikollhom aċċess għall-kreditu, speċjalment f'dawk il-pajjiżi l-aktar milquta mill-kriżi, u jemmen li dan għandu jkun rettifikat;
3. Jinnota li s-self bankarju għadu wieħed mill-aktar sorsi importanti ta' finanzjament għall-SMEs Ewropej u għalhekk jitlob li s-settur bankarju jkun b'saħħtu u stabbli sabiex isaħħaħ l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi; jappoġġja, f'dan il-kuntest, il-Fattur ta' Sostenn lill-SMEs li għandu jiġi implimentat fuq bażi permanenti, filwaqt li jiġi żgurat li r-regolamenti jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u jiġi rikonossut ir-rwol speċifiku ta' banek lokali iżgħar fil-finanzjament għall-SMEs;
4. Jinnota li imprendituri żgħażaġh u partikolarment in-nisa jħabbtu wiċċhom ma' ostakoli addizzjonali fl-aċċess għall-finanzjament u jenfasizza li għandu jsir aktar biex jiġi liberat il-potenzjal tagħhom bħala ħallieqa ta' impjiegi u bħala mutur għat-tkabbir ekonomiku; jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra dan bħala indikatur tas-suċċess jew tal-falliment meta tgħaddi r-rapporti tagħha lill-Parlament;
5. Jinnota li l-SMEs fl-Istati Membri li m'għandhomx banek ta' investiment pubbliku jistgħu jkunu żvantaġġjati meta mqabbla ma' dawk li għandhom banek ta' investiment pubbliku li qed jiffunzjonaw, minħabba li l-valutazzjoni tal-interess pubbliku mhijiex prijorità għal istituzzjonijiet bankarji privati;
6. Jilqa' l-introduzzjoni u l-prestazzjoni tal-programm COSME bħala l-ewwel programm tal-UE li speċifikament jibbenefika l-SMEs; jemmen bil-qawwa li l-appropriazzjonijiet attwali tal-programm COSME, kif ukoll dawk destinati għal programmi oħra ta' finanzjament tal-UE li għandhom prestazzjoni tajba bħal pereżempju l-Istrument għall-SMEs jew l-InnovFin fil-qafas ta' Orizzont 2020, għandhom jissaħħu għas-snin li fadal tal-QFP attwali, kif il-Parlament kostantement fittex li jagħmel; jenfasizza l-importanza ta' taħriġ fl-intraprenditorija, ta' miżuri ta' gwida u ta' taħriġ COSME destinati għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni, partikolarment iż-żgħażaġh, in-nisa u l-imprendituri akbar fl-età, sabiex titħeġġeġ l-ugwaljanza bejn is-sessi;

7. Jilqa' l-fatt li EUR 75 biljun tat-total ta' investiment katalizzat mill-FEIS fuq tliet snin se jmur għand l-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja permezz tal-Fond Ewropew tal-Investment sabiex ikopru ħtiġijiet finanzjarji aktar ġustifikati tal-SMEs; se jsegwi mill-qrib l-effett ta' lieva maħluq bil-finanzjament tiegħu u bid-distribuzzjoni ġeografika tiegħu; jinnota s-suċċess tat-tieqa għall-SMEs u jitlob, kif xieraq, li l-klawsola ta' flessibilità prevista fir-Regolament tkun totalment applikata biex jizjed dan il-pakkett; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni ta' distribuzzjoni ġeografika inugwali fit-28 Stat Membru tal-UE meta tfassal aktar prodotti li għandhom jiġu varati;
8. Jilqa' l-ftuħ ulterjuri tal-FSIE għall-SMEs kif ukoll it-tfassil ta' skemi dedikati bħala miżura ta' mitigazzjoni sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi; ifakkar fl-importanza ta' finanzjament strutturali għall-SMEs, inkluż il-fatt li jkun attirat aktar investiment privat; jenfasizza li l-għotjiet finanzjarji għandhom jinżammu fejn qed ikollhom rwol importanti u meħtieġ fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, tal-iżvilupp u tar-riċerka, li huma importanti ħafna għall-ħolqien tal-impjiegi u għas-suċċess ekonomiku fil-futur tal-Ewropa; ifakkar fl-importanza tal-fondi strutturali biex jiġi attirat aktar investiment privat għall-benefiċċju tal-SMEs f'reġjuni inqas żviluppati, aktar foqra u aktar imbiegħda, speċjalment fi Stati Membri tan-Nofsinhar u tax-Xlokk, li jeħtieġu attenzjoni ikbar minħabba r-rati tas-self oġhla tagħhom;
9. Jappoġġja l-użu akbar ta' strumenti finanzjarji mill-Kummissjoni minħabba li dawn huma meħtieġa biex jimmobilizzaw l-investment addizzjonali mis-settur privat u dak pubbliku u biex jintlaħqu l-gruppi kruċjali fil-mira bħalma huma l-mikroimprezi u l-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-aċċess għal dawn l-istrumenti finanzjarji għall-mikrointrapriżi u l-SMEs u biex tipprovdihom b'attivitajiet ta' taħriġ, ta' kummerċ u ta' konsulenza finanzjarja;
10. Jemmen li r-regoli dwar l-aċċess tal-SMEs għal dawn l-istrumenti għandhom ikomplu jiġu ssimplifikati u jsiru aktar flessibbli; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħmlu kull sforz sabiex jinkiseb dan l-għan; jistieden ukoll lill-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u l-organizzazzjonijiet kummerċjali lokali biex jużaw l-istrumenti disponibbli ta' finanzjament tal-UE biex iżidu l-litteriżmu finanzjarju tal-SMEs;
11. Jemmen li għandha tittieħed azzjoni biex tingħata spinta lill-mezzi ta' informazzjoni u taħriġ għan-negozji u l-imprendituri Ewropej zġħar dwar id-diversi possibbiltajiet ta' finanzjament li jistgħu jaċċessaw, sabiex ikunu jistgħu jakkwistaw informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji kollha provduti għalihom mill-baġit Ewropew, bħal dawk disponibbli taħt il-programmi LIFE+ u Ewropa Kreattiva u l-Fondi ta' intraprenditorija soċjali min-negozji soċjali, jew l-istrumenti tal-Bank Ewropew tal-Investment, peress li dawn jistgħu jipprovdu finanzjament aktar immirat u xieraq għall-bżonnijiet tagħhom, abbażi tas-settur li fih l-SME iwettaq l-attivitajiet tiegħu; jilqa', f'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' portal ta' aċċess għall-finanzi għall-SMEs, [www.access2finance.eu](http://www.access2finance.eu);
12. Jilqa' ż-żieda ta' Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti f'forma ta' aċċess għall-appoġġ għal investiment tal-Ewropa, iżda jemmen li jista' jsir aktar biex tiġi żviluppata sistema ta' sinjali u ta' appoġġ għall-SMEs biex ikollhom aċċess għal fondi rilevanti tal-UE;
13. Huwa tal-fehma li kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri għandhom ikomplu jiżviluppaw u jespandu netwerk Ewropew ta' "investituri informali" u ta' modi diversi li jżidu l-

potenzjali tal-"finanzjament kollettiv" fl-UE, biex jiġi żgurat li l-eżistenza ta' din it-tip ta' intrapriża ma tiddependix biss fuq finanzjament mill-banek.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

|   |  |
|---|--|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 23.5.2016  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                       | +: 21<br>-: 4<br>0: 0  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                              | Jean Arthuis, Lefteris Christoforou, Jean-Paul Denanot, José Manuel Fernandes, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Ernest Maragall, Sophie Montel, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Urmas Paet, Paul Rübig, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Paul Tang, Daniele Viotti, Auke Zijlstra |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Georgios Kyrtzos, Andrej Plenković, Ivan Štefanec, Nils Torvalds   |
| <b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Laura Agea, Rainer Wieland   |